# ANALIŻI TAL-POEŻIJA 'ĦITAN TAS-SEJJIEĦ' TA' MARJANU VELLA

*Tarcisio Zarb*

## ĦITAN TAS-SEJJIEĦ

SAR il-miraklu tal-konkrit. Iħokku
għoddhom mas-sħab id-djar ta' ġo l-ibliet
qsari fit-twieqi, dagħwa kontra s-seħer
ta' linji dritti paralleli.

Kaxxa ħdejn kaxxa, saret kaxxa kbira
irqiqa w twila mnażżgħa mill-frugħat
ta' xogħ'l maħdum bl-iskarpellin waqt ħolma
ta' frott u ward u anġli żgħar jittajru.

Sar il-miraklu tal-konkrit. Kemm saħħa
jaħbu l-ħitan misluta ħelu ħelu,
u s-soqfa biċċa waħda bla xejn travi,
bi xbieki tal-ħadid, jifilħu dinja!

U tidħak, tidħak, tara qed tintaġar
il-ġebla bajda-krema ser tinqasam
biex issir djar botnin bla sens ta' 'figure'
– qirda tas-saħħa mbierka tal-bennejja.

Sar il-miraklu tal-konkrit. Il-ġebla
titħalla biss biex tifred ftit egħlieqi
b'ħitan imbewqa tas-sejjeħ li jagħżlu
pulzier minn ieħor ta' ħamrija għajjien.

Minkejja dan, it-Trejqa tal-Mistrieħ
bejn żewġ ħitan titkennen tas-sejjieħ.

Marjanu Vella.
(*Ħitan tas-Sejjieħ*)

**Prejambolu 'Arkitettoniku' Storiku**

Jidher li l-karattru estetiku (ta' ġmiel) ta' arkitettura (bini) li rriżulta matul iż-żmien bħala riżultat dirett tal-kundizzjonijiet klimatiċi naturali mhux

kulħadd irnexxielu jinduna bih. Anqas jidher li ndunaw kemm madwarna f'dawn il-blatiet Mediterranji għandna materjal li bih inkunu nistgħu nibnu l-egħrejjex tagħna. Insew ħafna nies ta' poter li ħafna mill-bini qadim ta' dawn il-gżejjer Mediterranji ma kienx ħaġa oħra ħlief ir-riżultat tat-tiftixa ta' sigurtà u indipendenza.

Jidher – għall-inqas hekk igħidulna l-istoriċi tal-arkitettura Maltija – li fl-għaġġla biex Malta terġa' tinbena mill-ġdid sewwa sew wara l-aħħar gwerra dinjija, ħafna nies li setgħu jesprimu opinjoni dwar is-suġġett insew il-ħlewwa kbira moħbija fil-prodott nattiv li ma kellu ebda pretensjonijiet. Insewh. U minfloku ppreferew l-istil barokk li kien jagħti sens ta' *bravura* imma li kien għal kollox barrani għal dawn ix-xibrejn gżejjer imsejħin 'Malta'. Minflok, għalhekk, rajna jaħkem fostna l-istil barokk li l-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalem (1530–1798) kienu daħħlu fostna.

U hawnhekk ma tistax ma tgħidx li jekk l-arkitetti Maltin riedu fil-verità u f'ġieh il-ħaqq u s-sewwa joħolqu xi ħaġa li tgħid 'din Maltija', dan setgħu jagħmluh mhux billi jiffotokopjaw il-bini massiv tal-Belt Valletta, imma billi jħarsu x'imkien fejn il-pretensjoni ma taħkimx. Huma kellhom jissensitivizzaw irwieħhom għal dawk l-erba' griebeġ iżolati ta' bini Malti li tela' matulkom egħxieren ta' seklu. Għax dan il-bini – għalkemm umli fid-dehra – ma telax ċumb bumm. Dan il-bini tela' b'intuwizzjoni tal-ħtiġijiet endemiċi ta' gżira xemxija u Mediterranji. U ma nbeniex b'materjal impurtat, imma nbena b'materjal li huwa hu wkoll prodott ta' dawn l-istess gżejjer.

Kuntrarjament għal dawk il-mases kbar ta' bini opulenti – biex nitkellmu bil-kbir – u ffullat b'ornamenti li jriduk ta' bilfors tħares lejhom għax minfuħin bl-istess kburija tal-bombastiċità tagħhom – l-arkitetti tagħna setgħu ħarsu lejn l-irħulin xemxin Maltin. Mhux għax f'dawk l-irħula msejħa bliet tan-naħa tal-port il-kbir ma tagħmilx xemx, imma għax ix-xemx ta' ħdejn il-baħar u ta' l-egħlieqi 'mhux ikkontaminati' tidher bħal qisha xemx oħra.

Hawnhekk, fil-forom kubiċi – kaxxin – tal-vernakular Malti setgħu jsibu xi ħaġa li tirrifletti suġġestjoni u singularità fi spirtu Mediterranju wieħed – spirtu li jinsab fis-sotterran ta' dan il-baħar kbir. Din is-singularità u s-suġġestjoni ma hijiex xi ħaġa li waqgħet mis-sema u sabet ruħha f'Malta biss. Għall-kuntrarju hemm paralleliżmi. Hemm analoġiji. Hemm elementi komuni bejn il-vernakular Malti u dak li nsibu f'Lipari, Ibiża u Sqallija.

Din hija l-arkitettura ħobbla bil-ħajja u bis-singularità ta' l-idjosinkrazija Mediterranja.

Imma – jaħasra – *tal-ġara xxommu jfuħ.*

Hekk kien igħid qawl antik Malti li biż-żmien beda jissejjaħ proverbju.

U fid-dawl ta' dan kollu wieħed jistaqsi: 'Fil-qiegħ nett ta' din is-singularità Mediterranja – li tagħha Malta ma hijiex ħlief mikrokożmu – jiġifieri l-Mediterran fiċ-ċokon – x'hemm jaħdem sa mill-imgħoddi mbiegħed u midfun fl-istorja?'

Tajjeb li ngħidu li l-antenati qodma tagħna mill-ewwel irnexxielhom jifhmu li dik il-blata sedimentarja tal-franka (*limestone*) ratba li tiddomina l-formazzjoni ġejoloġika ta' l-arċipelagu Malti kellha potenzjal enormi.

U għalhekk ma kinetx xi ko-inċidenza li l-Maltin sa minn żminijiet illum midfuna darba għal dejjem fil-pre-istorja ta' moħħna l-Maltin użaw żewġ forom bażiċi ta' kostruzzjoni. Dawn iż-żewġ tipi ta' kostruzzjonijiet dejjem iddependew fuq ħitan tqal u ħoxnin tal-ġebel. Ħitan li fil-ħxuna tagħhom kienu jvarjaw bejn 23 ċentimetru u 120 ċentimetru. Fl-ewwel tip insibu l-famużi 'giren' fejn is-sistema tal-bini kienet waħda elementari. F'dan il-bini l-antenati qodma tagħna ġonġew u ngaljaw ma' xulxin ġebel ta' daqsijiet varji mingħajr ebda użu ta' tajn tat-tikħil. Il-ħofra tas-saqaf min-naħa l-oħra kienet tisfa' magħluqa permezz tas-saljatura jew biex ngħiduha ala Ingliża b'azzjoni korbillanti. It-tieni tip ta' bini li nsibu fl-arkitettura popolari ta' wara ż-żminijiet Medjevali u li ħafna drabi nsibuhom fl-irħula Maltin għamlet użu minn sistema ta' kostruzzjoni aktar raffinata. Din it-tip ta' kostruzzjoni kienet tiddependi fuq ħitan dobbli ta' xogħol tal-ġebel maħdum u ħitan ċatti li kienu jkunu magħmula minn xorok ta' daqs 1.5m. sa 2.0m. li kienu jserrħu fuq ħnejjiet jew travi ta' l-injam li kienu jiġu impurtati għal dan il-għan mill-gżira qariba ta' Sqallija.

Karatteristika importanti ta' dawn iż-żewġ tipi ta' bini kienet il-mod kif l-istruttura tas-saqaf ċatt kien jinkesa b'dak li kienu jgħidulu deffun. Din kienet issir biċ-*chippings* tal-ġebel tal-franka u materjal magħmul mill-ġir u l-fuħħar midħun irqieq li kien magħruf bħala deffun. Jingħad li dan id-deffun ma kienx jaqsam meta jiġi espost għat-temperatura qawwija tax-xemx Mediterranja. U barra minn hekk jekk issir xi ħsara faċilment seta' jtkaħħal. Waqtiet, għall-inqas hekk igħid min għandu awtorità fis-suġġett, mat-taħlita taċ-*chippings* tal-franka u d-deffun magħmul mill-ġir u l-fuħħar midħun kienet tiżdied xi ftit alka.

Ir-raġuni għal dawn iż-żewġ tipi ta' bini, jiġifieri tal-girna u l-arkitettura post-Medjevali ta' l-irħula ħafna jqisuhom bħala l-iżvilupp loġiku ta' tradizzjoni ta' saljatura (*corbelling*) li kellu tradizzjoni stabbilita fil-monumenti storiċi li minnhom Malta għandha ħafna. Dan igħodd għall-girna. Min-naħa l-oħra, l-arkitettura post-Medjevali kienet is-soluzzjoni loġika għall-problema planimetrika fejn kellek numru sostanzjali ta' kmamar żgħar rettangulari, imqiegħda b'mod informali madwar bitħa miftuħa li kienet iddawwalhom u tivventilahom. Dan it-tip ta' arkitettura tipikament

Mediterranja li hija ta' tip introvert, fis-sens li kollox huwa mibni jħares fuq ġewwa wasslet għall-karattru kubiku, jew aħjar forma ta' kaxxi, li essenzjalment jifforma l-ambjent arkitettoniku Malti.

Aspett ieħor importanti ta' din l-arkitettura nsibuh fil-faċċati ta' dan il-bini. Filwaqt li ħafna mill-bini Malti sas-sena 1700 ma kienx jagħti każ il-faċċati tad-djar, fis-sens li ma kienx joqgħod jagħmlilhom ornamenti u fl-istess ħin anqas ma kien igħaddi biex jiftaħ xi aperturi kbar ġo fihom, mal-wasla tas-sena 1700 b'aktar sigurtà fi gżiritna, dawn il-faċċati bdew jitbiddlu. B'dan il-mod dawn bdew isiru kompożizzjonijiet arkitettoniċi dinamiċi mimlija bibien u twieqi ornamentali, galleriji ta' l-injam sopraporti tal-forom u għadd akbar ta' parafanelja ta' elementi oħra ornamentali li konxjament ippruvaw jilħqu l-livell jew bħal qisu jgħiru għall-arkitettura 'għolja' barokka tal-belt Valletta.

U hawnhekk wieħed jista' jgħid li r-rapport bejn l-arkitettura popolari vernakulari u l-arkitettura 'barokka' impurtata ħoloq taħlita interessanti ta' tip ta' bini li mbagħad, mis-seklu sittax u sbatax, baqgħet tinfluwenza l-bini kollu tal-gżejjer Maltin. Issa wiċċ din ix-xibrejn gżira beda jitbiddel. Issa kellu ġo fih żewġ vini ta' bini – il-lokali qadim u mistħi u l-impurtat, ġdid u emulenti jew aħjar li jġib(-lek) l-għira.

U wara din il-ġirja biex insejħulha hekk etimoloġika, li ħaditna lura sa l-egħruq tal-forom kubiċi u forom girnija li jtektku l-pajsaġġ u l-ibliet tagħna ma nistgħux inħallu barra dawk l-imkejjen sagri li żgur li okkupaw żmien twil fil-konxju u l-inkonxju tagħna l-Maltin sa minn żminijiet megalitiċi.

Dawn huma l-famużi kappelli – suġġett popolarissmu mal-poeta romantiku Malti. Dawn huma l-kappelli li kienu ċ-ċentru ewlieni ta' l-irħula u l-ibliet Maltin, u għalhekk fihom kellha tintefa' l-influwenza kollha ta' l-influwenzi arkitettoniċi l-'kbar' li minn żmien għal żmien kienu jaslulna minn barra. Id-differenza bażika bejn il-knisja u d-dar kienet waħda funzjonali. Filwaqt li d-dar li kienet taqa' fin-norma tad-djar tradizzjonali kellha l-għan li tipprovdi sens ta' sigurtà u xelter minn ambjent inimiku u xemx inospitabbli – għalhekk il-format introvert tagħha – il-kappella kienet iddisinjata biex tagħti xi ħaġa aktar. L-ewwel ħaġa hija kellha tipprovdi għall-assemblea ta' kommunità mdaqqsa biex tieħu sehem f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Minħabba li l-popolazzjoni Maltija żdiedet qatigħ mal-wasla ta' l-Ordni fl-1530, il-forma rettangulari forma ta' kaxxa li kienet tikkaratterizza l-kappella Maltija sas-seklu 17, issa bdiet tinbidel u ssir forma ta' salib bil-kampnari u b'kollox. Bħala espressjoni ta' gosti u ħsus popolari, kif ukoll bħala turija ta' sens ta' identità tar-raħlin u bħala riżultat konkret

taż-żieda fil-qligħ tar-raħlin, il-Kappillan, minkejja l-fatt li ħafna drabi waqa' għal-lixka ta' l-ornamenti, nistgħu ngħidu li wassal għar-rappreżentazzjoni ta' l-arkitettura popolari fl-aqwa tagħha.

Fil-fatt din l-arkitettura 'sagra' nistgħu nqisuha bħala simbolu glorifikat ta' arkitettura Mediterranja, iktar kumplessa fil-forma u t-tiżjina mill-knisja Biżantina ta' l-isfond tal-Lvant Mediterranju imma ħafna u ħafna inqas pretenzjuża f'dik li hija aspirazzjoni mill-arkitettura 'għolja' ta' Ruma, Pariġi u Vjenna. B'dan il-mod nistgħu ngħidu li l-knejjes Maltin għenu biex wasslu sa żmienna espressjoni popolari ta' arkitettura, fi żmien meta dan il-proċess li ssehibna fih matul iż-żmien qiegħed jieħu direzzjoni ta' 'żvilupp' f'direzzjonijiet oħra.

**Mis-Sensittività Storika u Arkitettonika għas-Sensittività 'Poetika'**

Hawnhekk għandna l-konkrit u għandna l-ġebla Maltija. Hawnhekk għandna l-bini mtella' simmetrikament fuq linji paralleli u analoġiċi u hemmhekk, qalb il-ħitan tas-sejjieħ, għandna l-linji mserrpa li ma għandhomx formaliżmu fil-bini tagħhom. Hawnhekk, fl-ibliet, għandna l-grattaċjeli jaħbtu ma' qiegħ saqaf is-sema mibnija skond preċiżjoni enġinerika ta' l-għaġeb. Hemmhekk hemm id-djar mibnija bil-'ġebla bajda-krema' mingħajr sens ta' *figure*. Dawn, għandi nifhem jien fl-ambigwità tal-poeżija xejn espliċita ta' Marjanu huma l-ħitan reminixxenti tal-girna u d-djar popolari post-Medjevali. Hawnhekk għandna l-bini mibni skond strutturi pri-determinati u pjanti formali. Hemmhekk hemm il-bini ta' ħitan 'imbewqa tas-sejjieħ'. Hawnhekk għandna l-bini funzjonali li jrid ilaħħaq mal-ħtiġijiet u l-esiġenzi tal-'BELT'. Hemmhekk għandna l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ għal skop 'funzjonali' li jridu jservu biex b'bewqithom '. . . jagħżlu pulzier minn ieħor ta' ħamrija għajjien.'

Dawn huma ż-żewġ binarji li fuqhom jaħdem il-moħħ 'ambivalenti' ta' Marjanu Vella. Huma ż-żewġ binarji tal-progress u l-qadim, tal-funzjonali u tar-rustiku, tas-simetriku u ta' l-ispontanju, tal-maħsub u razzjonat u tal-maħsus u intuwizzat. Dawn huma ż-żewġ naħiet l-aktar imbiegħda tal-personalità ta' Patri Marjanu Vella li bħal qisu jinqabad bejn żewġ valenzi – il-konkrit fuq naħa, xi ħaġa pproċessata u inawtentika, u l-ġebla Maltija – xi ħaġa naturali u awtentika. Dawn huma ż-żewġ naħat l-aktar imbiegħda ta' poeta li qiegħed jipprova joħloq 'bilanċ' bejn il-kuxjenza li sawritlu 'ommna n-natura' u l-kuxjenza li qiegħed isawwarlu s-sens utilitarju tas-seklu għoxrin. Huma ż-żewġ naħat l-aktar imbiegħda li llum il-ġurnata qegħdin jidħlu u jkissru lil xulxin ta' l-ambjent arkitettoniku ta' din il-gżira Mediterranja. Dawn huma ż-żewġ naħat ta' ruħ bniedem li filwaqt li fil-moħħ kuxjenti tiegħu jara taqa' quddiemu medda kbira ta' linji *ribbon* ta' bini mibnija mill-konkrit, fuq in-naħa l-oħra jaf li fil-'bogħod psikoloġiku ambjentali

Malti.' x'imkien hemmhekk fil-kampanja Maltija hemm il-ħajt tas-sejjieħ, dak il-ħajt li l-poeta jixxennaq għalih.

U minn din id-dikotomija ta' ruħ maqsuma bejn il-konkrit simmetriku u s-sejjieħ imbewwaq il-poeta espliċitament jagħżel il-ħajt tas-sejjieħ. Ma nafx jekk Marjanu jagħmilx hekk minħabba l-fatt li l-kelma Mistrieħ tirrima ma' sejjieħ u l-poeta fettillu jagħlaq il-poeżija tiegħu b'distiku li jirrima, biex ma jibqax miexi bħal qisu mingħajr direzzjoni bin-nuqqas ta' rima li hemm fil-bqija tal-ħames kwartini li jippreċedu dan id-distiku.

Ninnutaw li l-poeta f'din il-poeżija jdoqq nota IRONIKA. Tgħid din hija nota MODERNA? Qiegħed ngħid hekk għaliex il-moderniżmu għandu karatteristika importanti tiegħu miġbura fl-espressjoni li bl-Ingliż tgħid *SELF-AWARENESS* ironiku. Huwa dak is-*self-awareness* li l-bniedem qiegħed jittimbra bih kull kitba letterarja tiegħu.

Matul din il-poeżija Marjanu Vella kontinwament jinħass sarkastiku u ironiku *vis-à-vis* il-konkrit ta' żmienna. Dan il-konkrit huwa xi ħaġa ta' l-għaġeb. Għandu ġo fih il-qawwa, is-saħħa u l-'ġmiel'. Hemm fih sens ta' *figure*. Imma jidher li minkejja dan kollu hemm xi dimensjoni qawwija u bażika nieqsa. Hija dimensjoni li ma tantx tista' tispjegaha f'termini ta' *pounds, shillings and pence*. Anqas f'termini ta' eżattezza ġeometrika jew ekonomika. Id-dimensjoni nieqsa tinsab fil-fatt ironiku li l-kumdità 'razzjonali' irriżultata mill-bini 'eżatt' qiegħda ttellef il-kumdità 'irrazzjonali' endemika fil-kenn tas-sejjieħ.

U hawnhekk erġajna kif igħidu l-Ingliżi *back to square one*, jew kif kienu jgħidu l-Maltin ta' l-irħula u ma nafx il-għala, 'erġajna koppi'. Erġajna lura għal dik id-'diska mżarżra' ta' kull żmien – klassiku, romantiku, neoklassiku, modern, post-modern – li hija l-ħtieġa tal-bniedem li jkun qalb in-natura jew aħjar il-ħtieġa tal-bniedem li jkun huwa nnifsu kif għandu l-ħtieġa li jkun u mhux skond pjan definit u ttimbrat kif jordnaw l-awtokrati u t-teknokrati ta' żminijietna.

Din hija l-ħtieġa tal-primittività fil-bniedem. Hemmhekk jitkennen bejn żewġ ħitan tas-sejjieħ il-poeta bħal qisu jħossu mistrieħ. Hekk kien iħossu l-poeta romantiku. Hekk kienu jħossuhom il-poeti tal-poeżija pastorali. Hekk ukoll bħal qisha qiegħda tħoss is-sensittività moderna. U forsi huwa minħabba f'hekk li fid-dinja qegħdin nassistu għal exodus ta' nies mill-ibliet lejn l-irħula.

Fid-dinja moderna qalb dawn iċ-ċnagen enormi tal-konkrit, il-qasrija fit-tieqa, naturali u awtentika, bħal qisha saret tinstema' jew aħjar tidher dagħwa fuq dak l-isfond ta' linji paralleli. Il-qasrija bħal qisha ma għadhiex tissinkronizza ma' l-ambjent stilizzat u pri-imfassal. Il-lavur karatteristika ta' ħafna xogħol tradizzjonali llum sar 'frugħa'. Fiż-żmien il-bennej kien

jintilef jikkrea '. . . *ħolma ta' frott u ward u anġli żgħar jittajru*.' Illum sar anakroniżmu tibni b'ġebla-bajda-krema '*ser tinqasam*' meta għandek il-konkrit.

Hekk igħidilna Marjanu Vella, Patri Franġiskan tal-Patrijiet Konventwali Minuri. U hekk naħsbu li qiegħed igħid fil-verità sakemm nassistu għat-*twist* jew aħjar 'svolta' ta' l-aħħar distiku fejn il-poeta jgħidilna ċar u tond fejn hija ruħu jew aħjar fejn hija r-ruħ vera ta' kull wieħed u waħda minnal-bnedmin.

B'dan il-mod Marjanu tana l-poeżija tal-belt. Għaliinqas hekk kien il-punt tat-tluq. Imma jaħasra, milli jidher il-belt ma tantx hija kapaċi toħloq poeżija. Minkejja kollox u minkejja l-*Fleur du Mal* ta' Baudelaire l-belt ma tantx toffri art saqwija għall-poeżija. Il-poeżija aktar issib l-egħruq tagħha fil-ħamrija tal-pajsaġġ. Hemmhekk, fejn il-ħitan tas-sejjieħ illum il-ġurnata qegħdin jinstelħu selħa wara selħa biex jistrieħu għal dejjem għax ma jerġa' jittellgħu qatt. Il-forma mserrpa tiegħu llum qiegħda teħodhielu l-forma dritta u parallela mhux ta' Marjanu – tal-konkrit – imma ta' l-istess żonqor Malti jew aħjar tal-*limestone* Malti.

Hawnhekk erġajna assistejna għal simbolu ieħor fil-katina ma tispiċċa qatt tax-xewqa tal-bniedem li jikseb il-mistrieħ, l-idillju, l-istat ideali u utopiku. Għal darb'oħra erġajna assistejna għall-ivverbalizzar ta' sensittività ta' poeta li ma huwiex jagħmel ħaġa oħra ħlief li jirreġistra stat ta' ruħ – ix-xewqa tal-bniedem li jsib lilu nnifsu. Il-bniedem jagħmel dan mhux fl-istruttura ġeometrika imma fil-qiegħ nett tal-kuxjenza tiegħu. B'dan il-mod din il-poeżija ssir poeżija oħra li tirrikorri għall-arċetip qadim daqs il-bniedem jiġifieri l-mottiv tal-pellegrin li bid-daħka sarkastika fuq fommu jħalli l-belt (arċetip ieħor) biex qabel inżul ix-xemx jilħaq il-kampanja (arċetip ieħor). Dawn huma kollha simboli li jimxu f'forom ċikliċi u li lkoll kemm aħna jekk infittxuhom għandna mnejn insibuhom. Dawn huma r-reliġjon ta' ħajjitna fuq livell kollettiv u livell individwali.

Analiżi parallela ta' din il-poeżija f'konfront mal-kitba ta' natura xjentifika msejsa fuq kitba tal-Perit Denis de Lucca turina li fl-arkitett 'artist' hemm l-istess sensittività. L-ispirazzjoni moderna fl-arkitettura, fil-mużika, fil-pittura, fil-letteratura u fir-reliġjon turina li hemm ċertu linji komuni li qegħdin jistabbilixxu sensitivitajiet komuni bejn dawn il-friegħi differenti ta' l-arti.

F'dan il-preambolu rajna l-fehma ta' l-arkitett li turina li jekk aħna għandna noħolqu xi ħaġa ġdida, din għandna noħolquha fuq egħruq qodma li jafu l-girna u d-dar post-medjevali ta' l-irħula Maltin. M'għandna qatt inħallu l-barokk 'għoli' joħdilna moħħna żżejjed. Għaliex la darba nitħallew nittieħdu minn dawn il-modi l-ġodda li llum qegħdin jieħdu post il-ġebla

Maltija u d-deffun tradizzjonali se naslu biex minflok il-forom kubiċi 'primittivi' madwar il-forma barokka tal-knisja Maltija sejrin nispiċċaw biex ma jkollniex ħlief kakofonija u taħwida ta' stili li minflok jirrilassaw u jagħtuna sens ta' mistrieħ itellfulna l-paċi ta' ruħna, dik il-paċi li tant għandna bżonn.

Jekk m'hemm verità f'xejn, hemm verità fil-fatt li l-bini, għat-tajjeb u għall-ħażin jagħmilna, jiġifieri jibnielna l-personalità tagħna. Dan kollu jurina wkoll li l-arti għandha skop 'funzjonali', dejjem jekk inqisu l-fatt li l-bniedem huwa 'annimal' spiritwali.

**Lil Hinn mill-Konkrit u s-Sejjieħ**

Is-sejjieħ ukoll għandu l-istorja tiegħu. Hija storja qadima li sawret l-istess konxju tagħna matul eluf ta' snin. U mhux il-konxju u l-inkonxju tagħna biss sawret. Imma l-istess inkonxju kollettiv ta' missirijietna – dak l-inkonxju li aħna nirtu minn ġenerazzjoni għal oħra. Dan il-komponent tal-pajsaġġ Malti nistgħu ngħidu li nsibuh kullimkien mingħajr distinzjoni ta' l-ebda spazju ġeografiku. Għalhekk il-ħajt tas-sejjieħ ittella' mingħajr tbatija fil-witat, fil-wileġ, fil-widien, fl-isinda, fix-xaqlibiet ta' l-għoljiet, fuq il-għoljiet infushom u fl-ibgħad truf tal-gżejjer Maltin u Għawdxin saħansitra fuq is-sisien u l-irdumijiet li jagħtu għal fuq il-baħar.

Il-ħajt tas-sejjieħ huwa karatteristika qadima tal-gżejjer tagħna. Hawn min hu tal-fehma li l-ħitan tas-sejjieħ huma qodma daqs l-istess tempji megalitiċi tagħna. Fil-fatt ħdejn il-Ġgantija ta' Għawdex kienu nstabu xi ħitan tas-sejjieħ li jmorru lura sa dawn iż-żminijiet pre-istoriċi u arkejoloġiċi. U din l-istorja remota li tindifen fiċ-ċpar ta' l-arkeoloġija Maltija tagħti dik ir-rustiċità li bħal qisu tirradja minn dan il-ġebel imtella' bis-sengħa, b'dik id-daqsxejn ta' xaqliba ħelwa 'l ġewwa, l-istess kif għamlu aktar tard missirijietna meta ġew biex jibnu s-swar storiċi tagħna. Dan kollu jinsab hemm, bejn ġebla u oħra mqiegħda b'ħila u b'ħeġġa.

Il-poeta bħal qisu jintuwixxi dan kollu. Mhux għax huwa jkun konxju ta' dawn l-intietef storiċi u arkeoloġiċi, imma għax il-poeta, l-istess bħal kull bniedem li jkollu sensittività għall-ħajja ta' madwaru, jintuwixxi dawn is-sensazzjonijiet qodma, sensazzjonijiet li jwassluh biex jixxennaq dawk iż-żminijiet primittivi u primordjali.

U ftit ftit jekk inkomplu inħaffru f'din l-istorja tal-ħajt tas-sejjieħ insibu li dawn il-ħitan tas-sejjieħ kellhom għadd ta' funzjonijiet matul il-mixja tas-snin. Il-ħajt kien iservi bħala rpar jew ilqugħ għall-ħamrija, tant li anki fl-istess widien tal-gżejjer Maltin kienu jinbnew il-ktajjen forma ta' nofs qamar biex il-ħamrija tinġabar warajhom. B'dan il-mod il-ħamrija kienet tinżamm milli tinġarr u b'hekk tintilef. Barra minn hekk il-ħajt tas-sejjieħ kien iservi biex jaqsam propjetà minn oħra. Minħabba li l-Majjistral għandu

ħabta kif jaħbat u jkisser mingħajr ħniena ta' xejn u mingħajr rispett lejn ħadd il-ħajt tas-sejjieħ kellu l-funzjoni ta' lqugħ mill-irjieħ li l-gżejjer Maltin huma magħrufin għalihom daqs kemm huma magħrufin għax-xemx. It-tiġieġ u l-annimali l-oħra bħal ngħidu aħna n-nagħaġ, il-mogħoż u l-baqar għandhom mnejn ukoll sabu xi ħajt tas-sejjieħ li żammhom milli jittarrfu żżejjed u jiġrilhom bħan-nagħaġ ta' Bendu li, kif tgħid l-istorja, iġġarrfu mill-irdum. Il-ħajt tas-sejjieħ insibuh idawwar, dejjem f'daqsijiet varji, il-ġonna u l-egħlieqi Maltin, b'mod speċjali dawk li jkunu jagħmlu mat-toroq. Dawn igħinu biex iżommu lin-nies milli jidħlu fl-egħlieqi.

Minn dan kollu ninnutaw li l-ħitan tas-sejjieħ ma humiex hemm għas-sempliċi dehra pittoreska u karatteristika Mediterranja li jagħtu lill-pajsaġġ Malti, dehra li taħt l-influwenza qerrieda tal-konkrit u l-bini bl-addoċċ qiegħed kulma mmorru jinstelħu biex ma jittellgħu qatt. Il-ħajt tas-sejjieħ kellu u għad għandu funzjoni. Is-'sejjieħ' ma kinitx sengħa wżata għall-ħitan biss, ħitan li ħafna drabi kien ikollhom ukoll il-mutlaħa jew ir-rampa għall-karrettun jew inkella xi taraġ, b'mod speċjali meta nsibu ruħna qalb raba' mtarraġ kif inhi l-biċċa l-kbira tal-kampanja Maltija. Is-sejjieħ kien jintuża wkoll biex jinbnew l-irziezet, l-ogħrof, il-griebeġ u l-giren qalb l-egħlieqi u d-duriet tan-nassaba, li bihom il-gżejjer Maltin huma mdewda.

Dawn huma l-ħitan tas-sejjieħ li fihom il-poeta jħossu jistrieħ. Hawnhekk tajjeb ta' min igħid, sabiex din l-idea tal-poeta bħal xi bniedem li għandu l-bakketta maġika f'idejh u li biha jaffaxxina lil kull min jisimgħu naqtgħuha darba għal dejjem. Il-poeta ma huwiex ħaġa oħra, ħlief bniedem li s-sensitività tiegħu lejn xi oġġett, kunċett jew stat partikolari jirnexxilu jagħtiha bixra 'poetika' b'mod kreattiv. Fi kliem ieħor għandu dik id-doża ta' ħila u ħeġġa konċettwali, sensorja u mmaġinattiva aktar min-normal. Waqtiet din id-doża aktar qawwija ta' sensittività tista' tkun riżultat ta' spirit-walità, eċċentriċità, 'ġenn', nevrożi, qdusija jew xi stat mentali ieħor. Aħna lkoll kemm aħna għandna l-poeta ġo fina. Dan il-poeta nistgħu noqtluh, immewtuh, inqajmuh jew inħalluh jirbaħna. Waqtiet issib xi individwi li l-poeta ta' ġo fihom jiġġildulu inkonxjament b'tali mod u manjiera li jispiċċaw minflok jissiblimizzaw egħmilhom, jirrikorru għal atti vandali u anti-soċjali. Mela fuq dan il-fil ta' djalettika nistgħu naslu biex ngħidu li aħna wkoll għandna ġo fina l-ġibda lejn il-ħitan tas-sejjieħ, l-istess kif għandna ripulsjoni lejn 'il-konkrit', eżatt, uniformi u mostruż.

X'inhi r-raġuni għal din ir-relazzjoni sensorja ma' l-ispazji mibnija? Jista' jkun li ninġibdu aktar lejn il-ħajt tas-sejjieħ, l-ewwel ħaġa minħabba l-ġibda tal-bniedem lejn dawk il-ħwejjeġ li huma primittivi. U kif nafu l-primittiv, minħabba li jagħti aktar sens ta' nuqqas ta' kumplikazzjoni għandu t-tendenza li ma jċajparx 'il-konxju tagħna. Barra minn hekk, bħal

qisu hemm ċertu ammont ta' konservatiżmu fejn tidħol l-immaġinazzjoni tagħna. U għalhekk hemm it-tendenza li fejn tidħol din l-immaġinazzjoni naqgħu għall-arċetipali, jew dak li huwa qadim għalkemm rikorrenti. Jista' jkun ukoll dak li f'termini romantiċi poetiċi nistgħu nsejħulha 'l-għajta ta' l-art' jew aħjar 'is-sejħa ta' l-art.' Jibqa' l-fatt li l-konkrit fil-konxju tagħna, forsi minħabba l-kobor tiegħu (?) jew l-eżattezza tiegħu f'dik li hija enġinerija (?) narawh bħal intrużjoni fuq l-intimu ta' ruħna. U l-moħħ għandu t-tendenza li bejn żewġ tendenzi ambivalenti jipprova jirrisolta s-sitwazzjoni billi jeskludi wieħed jew waħda miż-żewġ tendenzi. Ħafna drabi, madankollu qiegħed jiġri fil-ħajja ta' żmienna, b'mod speċjali, li l-moħħ tagħna jkollu jaċċetta ż-żewġ tendenzi, għalkemm ikunu żewġ tendenzi li jeskludu 'l xulxin, b'tali mod u manjiera li l-moħħ jispiċċa skiżofreniku u maqsum f'żewġ naħat. Miġbud lejn żewġ dinjiet opposti, il-moħħ ma jkunx jista' jilħaq dak il-bilanċ tant mixtieq li fil-miti ta' ħafna reliġjonijiet u pajjiżi nsibuh fin-Nirvana u ħafna utopiji oħra. Fid-dawl ta' din l-iskiżofrenija nistgħu nifhmu s-sens ironiku ta' Marjanu Vella meta jitkellem dwar il-konkrit. Din l-ironija tispunta mill-fatt li l-konkrit huwa oġġett essenzjali għalina fil-ħajja ta' żmienna, ħajja ta' konsum u produzzjoni bil-massa, u fuq in-naħa l-oħra l-poeta li huwa konxju tal-fatt li l-bniedem kulma jmur qiegħed jitbiegħed minn egħruqu u għalhekk min-natura tiegħu nnifsu. B'hekk ir-riżoluzzjoni finali tal-poeta li jmur hemmhekk mal-ħitan imbewqa tas-sejjieħ. Għalkemm anki hawnhekk huwa l-moħħ konxju tal-poeta li qiegħed jiddetta x'għandu jsir, aktar milli dak li nistgħu nsejħulu '*felt poetry*'.

Ħafna poeti, b'mod speċjali fi żminijietna, permezz ta' l-istudji tal-psikoloġija, tas-soċjoloġija, ta' l-antropoloġija u l-ħafna *-ijiet* oħrajn, qegħdin isiru konxji dwar dak li jkun qiegħed isir fil-qiegħ nett ta' ruħhom meta jkunu qegħdin jiktbu poeżija. Dan qiegħed iwassal biex tinkiteb poeżija li l-poeti ma jkunux irriproduċewha, biex insejħulha hekk, instintivament, imma pjuttost bħala riżultat tal-moħħ li jikkalkola, idomm, jaħseb, jimmoralizza u jikkonċepixxi. B'dan il-mod il-poeżija '*doesn't happen*'. Għall-kuntrarju l-poeżija ssir artifatt, fejn il-poeta jikteb bil-moħħ konxju, konxju għal dak li qiegħed isir fis-sotterran ta' moħħu. Fi kliem ieħor, il-poeta li jikteb u jaf x'qiegħed jimmotivah biex jikteb ċertu ħwejjeġ u ma jiktibx ħwejjeġ oħra. B'dan il-mod il-poeżija, minflok tfaqqas bħall-faqqiegħ jew tinbena bl-aġilità nattiva tal-bennej tas-sejjieħ li jingalja ġebla ma' oħra mingħajr il-ħtieġa tat-tikħil, il-poeżija ssir jew aħjar tiġi strutturata, skond it-tendenzi prevalenti tal-mument, jew inkella b'kompromess bejn il-wirt prosodiku ta' l-imgħoddi u t-tendenzi prevalenti fiż-żminijiet meta tkun qiegħda tinkiteb il-poeżija.

Dan ma jfissirx li l-poeżija 'Ħitan tas-Sejjieħ'taqa' f'din in-nasba. Li

rrid ngħid hu li din hija poeżija li nkitbet minn moħħ li jaf x'qiegħed jagħmel. Moħħ li jaf jikkalkola u jibni l-poeżija u mhux il-poeżija li twieldet għaliex kien wasal iż-żmien li titwieled. Il-poeżija 'Ħitan tas-Sejjieħ' ma 'seħħitx'. Il-poeżija 'Ħitan tas-Sejjieħ' 'inbniet'. B'dan il-mod ta' raġunar għalhekk nistgħu ngħidu li din il-poeżija f'dik li hija struttura aktar tixbah lill-ħitan tal-konkrit — simmetriċi u paralleli — li l-poeta jironizza milli lill-ħitan inkongruwi u serriepa tas-sejjieħ kemm jekk inqisu li l-poeta għamel użu minn struttura prosodika simetrika għall-aħħar, kif ukoll meta nqisu li l-poeta kien jaf minn fejn kellu jitlaq — l-ironija tas-simetrija tal-ħitan tal-konkrit — u kien jaf fejn kellu jasal — is-serħan fil-ħitan tas-sejjieħ.

Għalhekk hija raġunata l-ironija assoċjata mal-ħitan tal-konkrit. Dan minħabba l-fatt li x-xewqat tagħna ħafna drabi ma humiex ħaġa oħra ħlief ix-xewqat inkonxji tagħna, li aħna nkunu nafu li ma għandniex ċans li nilħquhom fir-realtà ta' kuljum. Hawnhekk għandna x-xewqa ta' bniedem li jeħles minn dawk il-ħwejjeġ li juru rbit, egħluq, ordni, moderniżmu u eżattiżmu skond ordni riġida. Dawn huma simbolizzati fil-ħitan tal-konkrit. Il-ħitan tas-sejjieħ, kif stajna naraw mill-istorja 'indiġena' tagħhom fl-istorja allegorika tar-realtà intima ta' ruħ il-poplu Malti jissimbolizzaw l-egħruq veri tagħna l-Maltin, egħruq li jmorru lura saż-żminijiet tat-tempji megalitiċi — il-Ġgantija. Il-poeta għalhekk jixxennaq għall-ħajt tas-sejjieħ imxaqleb la ġenbha, bil-mutlgħa jew bit-taraġ, fuq l-art imtarrġa tal-widien jew ta' l-għoljiet Maltin. B'dan il-mod din il-poeżija ssir allegorija oħra tax-xewqa tal-bniedem li joqrob kemm jista' jkun lejn l-omm li tagħtu isimha u ma jitbigħedx wisq mill-għorfa tagħha.

---

TARCISIO ZARB B.A. (Hons.), M.A., Dip.Ar., author of *It-Teatru sa Ebejer* (Malta 1986) and other works, teaches Maltese at The New Lyceum, Msida.